



Brussell, 4 ta' April 2022  
(OR. fr)

7645/22

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0062(NLE)**

**MAR 75  
OMI 51  
TELECOM 127**

#### **NOTA PUNT "I/A"**

|                |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
|----------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
| Nru dok. Cion: | ST 6957/22                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
| Suġġett:       | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul il-105 sessjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza Marittima u s-46 sessjoni tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni dwar l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni dwar l-istandards ta' prestazzjoni għall-apparat tar-radjotelefonija portabbli bidirezzjonali ta' VHF ta' opra tal-baħar tas-sopravivenza, li tirrevedi r-riżoluzzjoni MSC.149(77) u l-emendi għall-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali (FAL)<br>– Adozzjoni |

#### **INTRODUZZJONI**

1. Fis-7 ta' Marzu 2022 il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-105 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima (MSC 105) u tas-46 sessjoni tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni (FAL 46) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI).
3. L-MSK 105 huwa mistenni jadotta emendi għal diversi riżoluzzjonijiet għall-modernizzazzjoni tas-Sistema Marittima Globali għall-Periklu u s-Sigurtà (GMDSS). L-Unjoni mistennija tappoġġa dawn l-emendi peress li ser itejbu l-istandards tal-prestazzjoni fis-seħħ.

4. Il-FAL 46 huwa mistenni jadotta emendi għall-Anness tal-Konvenzjoni FAL. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa dawn l-emendi peress li jqarrbu dan l-Anness tar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2019/1239 u tar-regoli kummerċjali miftiehma għall-implimentazzjoni ta' dan tal-aħħar, jiġifieri billi t-trażmissjoni elettronika ssir obbligatorja permezz ta' punt uniku ta' kuntatt, il-prevenzjoni li jkun hemm ripetizzjoni tal-elementi ta' data, il-prevenzjoni milli l-formoli tal-karti jintużaw għat-trażmissjoni tal-informazzjoni, u billi jiġi rrinunzjat ir-rekwiżit għall-firem manwali.

## **ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL**

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu tal-11, it-18 u t-23 ta' Marzu 2022. F'din l-aħħar laqgħa, il-grupp ta' ħidma qabel mal-abbozz tad-deċizzjoni.
6. Il-Kummissjoni esprimiet tħassib dwar xi wħud mill-emendi li saru għall-proposta oriġinali tagħha u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tagħmel dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u tal-Kunsill.
7. Wara l-ftehim milħuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tal-abbozz ta' Deċizzjoni tal-Kunsill ġie rivedut mill-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

## **KONKLUŻJONIJIET**

8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina u japprova l-abbozz ta' deċizzjoni, kif jinsab fid-dokument ST 7532/22, imħejji mill-ġuristi lingwisti, u jippreżentah lill-Kunsill għall-adozzjoni.
9. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.